MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2702/2002

**Victor Ross**

**vs**

**The Food House Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Novembru 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tmintax il-lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm618.75) rapprezentanti flejjes dovuti mis-socjeta' konvenuta skond ftehim milhuq bejn il-partijiet skond id-dokument immarkat bhala Dok. 'A'.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-hlas eventwali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta prezentata miss-ocjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-kontendenti li l-attur jithalls Lm3.75 kuljum kif allegat mill-attur u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Illi l-arrangjament kien li l-attur fil-fatt jithallas Lm2.00 kuljum mis-socjeta' konvenuta, kif effettivament thallas kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ha konjizzjoni tal-affidavit tal-attur, ta' Joseph Camilleri, ta' Charles Schriha, ta' Emanuel Sxhembri u ta' Alfred Triganza. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kolllha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-attur kien direttur tas-socjeta' konvenuta u kien okkupa wkoll il-kariga ta' 'Sales Manager. Huwa beda jahdem mas-socjeta' konvenuta f'Dicembru 2000 u dam hekk impjegat sa Marzu 2002. L-attur isostni li fil-mument li huwa gie mpjegat kien gie miftiehem li hu u Alfred Triganza, li kien il-Managing Director tas-socjeta' konvenuta, kellhom ikollhom l-istess kundizzjonijiet tal-impjieg, fosthom paga ta' Lm7,000 fis-sena u l-uzu ta' vettura bil-'leasing'. Dejjem skond l-attur Alfred Triganza mill-ewwel inghata vettura filwaqt li huwa gie mitlub jistenna ftit ghaliex il-vettura li kien imiss lilu kienet inghatat lil haddiehor. Meta ghadda xi zmien u huwa baqa' minghajr vettura avvicina lil Triganza dwar din is-sitwazzjoni u dan l-ewwel qallu li d-diretturi l--ohra kienu ddecidew li jixtru l-vettura personali tal-attur sabiex din tkompli tintuza minnu izda sussegwentement infurmah li l-imsemmija diretturi kienu ddecidew li huwa jithallas l-ammont ta' Lm3.75 kuljum talli kompli juza l-vettura personali tieghu ghax-xoghol. Dan l-ammont kien jirrapprezenta s-somma mhallsa ta' kuljum ghall-kiri tal-vettura wzata minn Triganza. Dejjem skond l-attur dan l-ammont ta' Lm3.75 kuljum kien maqsum in kwantu ghas-somma ta' Lm2.00 li jithallsu lilu direttament fl-ahhar ta' kull xahar bhala parti mill-paga u d-differenza ta' Lm1.75 tmur sabiex tkopri spejjes ta' services, licenzji, insurance

premia eccetera. Skond il-prospett a fol. 2A l-ammont mitlub mill-attur fil-kawza odjerna jirrigwarda 165 il-gurnata bir-rata ta’ Lm3.75 kuljum u jkopri l-perijodu minn Dicembru 2000 sa Marzu 2001, Frar 2002 u 16 il-gurnata minn Marzu 2002.

Is-socjeta’ konvenuta min-naha l-ohra ssostni li qatt ma kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet li l-attur jithallas is-somma ta’ Lm3.75 kuljum kif minnu allegat. Hiija thgid li l-ftehim kien li l-attur jithallas is-somma ta’ Lm2.00 kuljum, liema ammont effettivament gie lilu imhallas. Is-socjeta’ konvenuta tispjega li l-attur kien avvicina lil Managing Director Alfred Triganza u talab li jithallas l-ammont ta’ Lm3.75 kuljum izda id-diretturi dehrilhom li in vista tal-fatt li l-attur kien iqatta’ hafna hin l-uffiicju u ma tantx kien juza l-vettura tieghu fuq ix-xoghol, is-somma ta’ Lm2.00 kuljum kienet aktar adegwata. L-attur fil-fatt beda jithallas dan l-ammont mal-paga ta’ kull xahar u huwa qatt ma lmenta dwar dan l-arrangjament hlief wara li gie terminat l-impjieg tieghu.

It-Tribunal huwa ghalhekk rinfaccjat b’zewg verzjonijiet opposti dwar il-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Ghalkemm ma ntqalx car u tond, jidher li l-attur beda’ jithallas l-ammont ta’ Lm2.00 kuljum f’April 2001 u dan jinghad peress li fil-prospett a fol. 2A huwa qed jitlob li jithallas bir-rata ta’ Lm3.75 minn Dicembru 2000 sa Marzu 2001. Huwa qed jitlob ukoll il-hlas b’din ir-rata ghl Frar 2002 u 16 il-gurnata minn Marzu 2002. Ma nghatat ebda spjegazzjoni il-ghala huwa talab li jithallas b’din ir-rata ghal dawn ix-xahrejn fl-2002. L-anqas ma huwa qed jitlob li jithallas id-differenza ta’ Lm1.75 ghall-perijodu bejn April 2001 u Frar 2002. Fil-fehma tat-Triibunal dan ifisser li fil-mument li saritlu il-proposta ta’ hlas ta’ Lm2.00, u li huwa thallas u accetta l-hlas ta’ dan l-ammont fl-ahhar ta’ kull xahar, kien hemm accettazzjoni tacita da parti tieghu tal-proposta maghmula mis-socjeta’ konvenuta. Isegwi li f’dan l-istadju huwa ma jistghax jitlob li jithallas bir-rata ta’ Lm3.75 kuljum ghall-perijodu wara April 2001 u ghalhekk it-talba tieghu in kwantu jirrigwarda x-xhur ta’ Frar 2002 u Marzu 2002 qed tigi michuda.

In kwantu jirrigwarda t-talba tal-attur ghall-perijodu bejn Dicembru 2000 u Marzu 2001 (121 il-gurnata) it-Tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Charles Schriha, l-accountant tas-socjeta’ konvenuta (ara affidavit a fol. 21 tal-process) fejn dan ikkonferma li huwa kien involut fil-ftehim li sar bejn il-partijiet f’Settembru 2000 fejn sar qbil li Alfred Triganza u l-attur kellhom ‘joperaw bl-istess kundizzjonijiet u cioe’ kellhom jircievu salarju ta’ Lm7,000.00 fis-sena u beneficcji ohra fosthom li jkollhom uzu ta’ vettura imhallsa mill-kuimpanija. Inolttre fid-deposizzjoni moghtija minn dan ix-xhud quddiem dan it-Tribunal kif diversament presjedut fil-kawza bejn l-istess partijiet u bl-Avviz Numru 2703/02JB, (kopja legali tal-atti ta’ din il-kawza esebiti a fol. 61 et seq.) huwa spjega li s-socjeta’ konvenuta kienet thallas Lm151.81 fix-xhar ghall-kiri tal-vettura wzata minn Triganza. Din ix-xhieda tikkorobora dak li qal l-attur in kwantu jirrigwarda l-ftehim milhuq bejn il-partijiet u fil-fehma tat-Tribunal l-attur huwa ntitolat jithallas bir-rata mitluba minnu ta’ Lm3.75 ghall-perijodu bejn Dicembru 2000 sa Marzu 2001, u ciioe’ qabel ma huwa accetta li jithallas bir-rata ta’ Lm2.00 kuljum, sabiex jigi rimborsat ghall-uzu tal-vettura personali tieghu. Uina volta li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tonora l-ftehim milhuq mal-attur fis-sens li hija kellha tipprovvdih bl-uzu ta’ vettura tal-kumpanija kif kienet qed taghmel ma Alfred Triganza, hija obbligata li tirrifondih l-ammont li kien qed jintefaq ghall-kiri tal-vettura ta’ Triganza u dan peress li l-attur kien qed jaghmel uzu mill-vettura personali tieghu f’dan il-perijodu.

Ghal dawn il-motivit-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ erba’ mija u tlieta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm453.75) u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur dan l-ammont ta’ erba’ mija u tlieta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm453.75), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------